MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 229/2020 LM

**Bartolo Properties Limited (C 10767)**
*('is-soċjetà appellata')*

***vs*.**

**Angelo Pappalardo (AX5369732)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Angelo Pappalardo (AX5369732)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija fl-1 ta' Ġunju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tas-soċjetà

rikorrenti **Bartolo Properties Limited (C 10767)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’] kif ġej:

> *“Għal dawn il-motivi, dan il-Bord qiegħed jaqta’ u jiddeċiedi billi filwaqt li jilqa’ l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti, jilqa’ r-rimanenti talbiet tal-istess soċjetà fit-termini hawn taħt enunċjati, u filwaqt li jiddikjara l-kirja* de quo *bħala xolta u terminata:*
>
> *1. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimat ma jistax jibqa’ fl-okkupazzjoni tal-fond “La Pizzoleria”, 35, Wilġa Street, Paceville, San Ġiljan u jikkundannah jiżgombra mill-istess fond fi żmien jumejn (2) mil-lum;*
>
> *2. Jikkundanna lill-intimat iħallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta’ ħamsa u erbgħin elf, mitejn u wieħed u erbghin ewro (€45,241) rappreżentanti arretrati ta’ kera skadut u dovut sad-data tat-terminazzjoni tal-kirja.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax sal-pagament effettiv kontra l-intimat.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-kirja tal-fond kummerċjali magħruf bl-isem ‘La Pizzoleria’ bin-numru 35 f’Triq Wilġa, Paceville, San Ġiljan [minn issa ’il quddiem ‘il-fond’] li ġiet miftehma bejn il-partijiet permezz ta’ kuntratt ta’ kiri tas-16 ta’ Ottubru, 2017, fejn is-soċjetà appellata kriet dan il-fond lill-appellant għall-użu ta’ *bar* u *restaurant*. Ġara li l-appellant ma baqax iħallas il-kera dovuta f’Diċembru 2019, u aktar tard f’Marzu 2020 huwa wkoll ma baqax jagħmel użu minnu għall-iskop miftiehem, fejn illum dan jinstab magħluq u mhux użat.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellata istitwiet proċeduri quddiem il-Bord permezz tal-preżentata ta' rikors fis-26 ta' Novembru, 2020 fil-konfront tal-appellant, fejn talbet l-imsemmi Bord sabiex jogħġbu:

*"i. jiddeċiedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini;*

*ii. tawtorizza lill-esponenti sabiex b'mod immedjat tirriprendi l-pussess tal-fond 'La Pizzoleria', 35, Wilġa Street, Paceville, San Ġiljan, prevja l-ordni ta' żgumbrament minn dan il-fond kontra l-intimat;*

*iii. tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti s-somma ta' €45,241 (ħamsa u erbgħin elf mitejn u wieħed u erbgħin Ewro) rappreżentanti l-arretrati tal-kera skadut u dovut sad-data tat-terminazzjoni tal-kirja.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-intimat li jibqa' nġunt minn issa għas-subizzjoni, u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti kontra tiegħu, inkluż għall-ħlas tal-penali għad-dewmien stipulata fil-klawsola dsatax (19) tal-kuntratt ta' kiri bejn il-partijiet, liema penali sal-lum tammonta ghal €567,000 (ħames mija u sebgħa u sittin elf Ewro), u għal kwalunkwe spejjeż li jistgħu jirriżultaw dovuti fir-rigward tas-servizzi fil-fond sad-data tal-iżgumbrament."*

4. Fit-12 ta' Mejju, 2021 l-appellant ippreżenta nota *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 16A(5) tal-Kap. 69, iżda l-Bord permezz tad-digriet tiegħu tal-1 ta' Ġunju, 2021 ċaħad it-talba tiegħu sabiex iressaq id-difiża tiegħu, u b'hekk għadda għas-sentenza.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Il-Bord wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra***

*Illi mill-atti ppreżentati mis-soċjetà rikorrenti jirriżulta illi hija proprjetarja tal-fond bl-isem "La Pizzoleria", 35, Wilġa Street, Paceville, San Ġiljan. Illi l-imsemmi fond kien mikri lill-intimat permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Ottubru 2017 għal perijodu ta' tliet (3) xhur li setgħu jiġġeddu għal perijodu ulterjuri ta' tliet (3) xhur sa massimu ta' tmienja u erbgħin (48) estensjoni. Dan it-tiġdid seta' jsir biss jekk l-intimat kien puntwali fil-ħlas tal-kera. Dan it-tiġdid awtomatiku ma kienx seta' jseħħ jekk l-intimat kien moruż fil-kera dovuta.*

*Illi skont ma jirriżulta mir-rikors ġuramentat u mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' John Bartolo, l-intimat waqaf iħallas il-kera tal-imsemmi fond f'Diċembru 2017 u sussegwentement, f'Marzu 2020, waqaf juża l-istess fond għall-iskop li nkera lilu.*

*Illi dan il-Bord huwa konxju illi f'Marzu 2020 Malta ġiet milquta bil-pandemija tal-Covid 19 u anke kien hemm ordni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fejn ġew magħluqa l-ħwienet kummerċjali. Madankollu ma kien hemm l-ebda obbligu fuq is-sidien li jnaqqsu l-kirjiet kummerċjali u għalhekk il-kirja stipulata baqgħat għaddejja.*

*Illi għalhekk, peress li l-intimat kien qiegħed jikser il-kundizzjonijiet tal-kirja viġenti bejn il-partijiet, is-soċjetà rikorrenti ddeċidiet li ttemm il-kirja permezz ta' ittra mibgħuta fis-26 ta' Awwissu 2020. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ai termini ta' klawsola 2 tal-kuntratt lokatizju, il-kirja ma baqgħatx tiġġedded siccome l-intimat waqaf iħallas f'Diċembru 2019. Madankollu s-soċjetà rikorrenti għażlet li twaqqaf il-kirja f'Awwissu 2020.*

*Illi l-Bord iqis għalhekk li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma ġustifikati u se jiġu milqugħa"*

## L-Appell

6. L-appellant ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-21 ta' Ġunju, 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, anki dawk tal-ittra uffiċjali nru. 245/2021, kontra s-soċjetà appellata. Jgħid li s-segwenti huma l-aggravji tiegħu: (i) ma ġietx osservata l-proċedura tan-notifika tar-rikors ġuramentat; (ii) il-Bord qies li huwa ma kienx

deher għas-seduta; (iii) il-Bord ma segwiex il-proċedura meħtieġa skont il-liġi sabiex titqajjem eċċezzjoni *ex officio;* u (iv) is-sentenza appellata hija nulla *ai termini* tal-artikolu 790 tal-Kap. 12.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-4 ta' Awwissu, 2021 fejn qalet li s-sentenza appellata hija waħda ġusta fil-fatt u fil-liġi, u għalhekk għandha tiġi konfermata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[il-proċedura tan-notifika tar-rikors ġuramentat ma ġietx segwita]*

9. L-appellant filwaqt li jagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 16A(4) tal-Kap. 69, jirrileva li din il-proċedura ma kinitx ġiet segwita fil-każ odjern. Jgħid li fl-ewwel seduta tal-Bord tat-12 ta' Jannar, 2021, dan kien osserva li *'fl-atti għad m'hemmx prova jekk l-intimat ġiex notifikat ġewwa l-indirizz fi Sqallija"* u għalhekk awtorizza *"lis-soċjetà rikorrenti sabiex f'każ ta' eżitu negattiv tan-notifika tal-intimat ġewwa Sqallija, hija tipproċedi bin-notifika ai termini tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana li l-pubblikazzjoni f'ġurnal lokali wieħed għandha ssir f'ġurnal bil-lingwa Ingliża."* L-appellant jispjega li fil-fatt is-soċjetà appellata kienet għamlet tentattiv sabiex

tinnotifikah ġewwa Sqallija, iżda l-indirizz kien skorrett u meta l-eżitu kien wieħed negattiv hija kienet għaddiet sabiex teżegwixxi n-notifika tiegħu *ai termini* tal-artikolu 87 tal-Kap. 12. Jikkontendi li madankollu sabiex tiġi segwita din il-proċedura, il-persuna li għandha tiġi notifikata għandha tkun preżenti f'Malta u għalhekk il-proċedura li kellha tintuża f'dan il-każ kienet in-notifika tiegħu ġewwa Sqallija tramite l-Avukat tal-Istat *ai termini* tal-Kap. 443. L-appellant jisħaq li l-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni m'għandhiex tittieħed b'mod leġġer u skont il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, din għandha tkun skrutinizzata. Jirrileva li anki fil-każ odjern l-indirizz indikat mis-soċjetà appellata għall-fini tal-affissjoni kien l-indirizz tal-fond stess, u dan filwaqt li s-subartikolu 187(3) tal-Kap. 12 jirrikjedi li n-notifika permezz tal-affissjoni għandha ssir fir-residenza tal-persuna *"jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza".* L-appellant isostni li s-soċjetà appellata kienet taf sew li dan l-indirizz ma kienx dak tar-residenza tiegħu, u anki li huwa ma kellux aċċess għalih stante li kienet hija stess li biddlet is-serratura tiegħu.

10. Is-soċjetà appellata tirrileva li kien sar tentattiv ta' notifika tal-appellant bir-rikors ġuramentat, kemm fl-indirizz ġewwa Sqallija mogħti mill-appellant stess, u anki fl-indirizz tal-fond mikri lilu, li kien l-aħħar indirizz magħruf tiegħu hawn Malta. Tispjega li dan ġara wara l-ittra interpellatorja tagħha mibgħuta fl-indirizz ġewwa Sqallija, ġiet lura b'avviż li dan ma nstabx mill-uffiċjali tal-Posta, u dik mibgħuta fl-indirizz tal-fond twieġbet minn avukat hawn Malta. Tirrileva li l-appellant sar jaf bil-proċeduri odjerni wara l-affissjoni fl-indirizz tal-fond u wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u żewġ gazzetti lokali, u b'hekk kien

deher għalih l-Avukat Matthew Paris fl-udjenza tal-1 ta’ Ġunju, 2021 quddiem il-Bord, li kien l-istess avukat li wieġeb għall-ittra interpellatorja tagħha tat-8 ta’ Ottubru, 2020. Is-soċjetà appellata tikkontendi li dan kollu ixejjen l-allegazzjoni tal-appellant li l-proċedura tan-notifika kienet waħda żbaljata. Tgħid li l-appellant kien qed jirrisjedi hawn Malta sa tal-anqas Marzu 2020, meta ma baqax jiġġestixxi n-negozju tiegħu, iżda xorta waħda l-ittra tagħha kien wieġeb għaliha ‘mingħajr preġudizzju’. Tissottometti li ma setgħetx tifhem għaliex l-appellant kien qed iqajjem dan l-aggravju proprju fl-istadju tal-appell, meta saħansitra anki qabel l-udjenza quddiem il-Bord, huwa kien deher personalment fir-Reġistru u ppreżenta nota bl-oġġezzjonijiet tiegħu għat-talbiet tagħha. Is-soċjetà appellanta tiċċita is-subartikolu 187(3) tal-Kap. 12, u tirrileva li l-għan tiegħu huwa li l-att ġudizzjarju jsir magħruf lill-persuna li kontra tagħha jkun sar, u li ma jirriżultax li mhijiex hawn Malta. Tispjega li l-aħħar indirizz tal-appellant magħruf lilha kien tal-fond, u għalhekk l-affissjoni saret fl-indirizz tiegħu. Tikkontendi li tant il-proċedura serviet l-iskop tagħha li l-appellant kif diġà ngħad, kien deher fir-Reġistru fejn ippreżenta nota personalment bl-oġġezzjonijiet tiegħu għat-talbiet tagħha.

11. Il-Qorti tgħid li ġaladarba l-appellant meta ppreżenta n-nota tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti fit-12 ta’ Mejju, 2021 *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 16A(5) tal-Kap. 69, iddikjara li minkejja li ma kienx għadu ġie notifikat formalment bil-proċeduri ntavolati mis-soċjetà appellanta huwa kien *“qiegħed jgħodd b’ruħhu bħala nottifikat”,* huwa ma jistax illum iressaq l-aggravju li n-notifika tiegħu tar-rikors ġuramentat mhijiex waħda valida. Tikkonsidra li meta l-appellant ippreżenta n-nota msemmija u saħansitra ddikjara li huwa kien qed

iqis ruħhu bħala notifikat bir-rikors ġuramentat, in-notifika tiegħu ma baqgħetx rilevanti.[1] Il-Qorti tgħid li permezz tal-azzjoni u d-dikjarazzjoni tiegħu, l-appellant mhux biss kien qiegħed jagħti ruħhu b'notifikat, iżda kien ukoll qiegħed iċedi kull dritt li seta' kellu sabiex iġib in-notifika tiegħu fix-xejn.

12. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-ewwel aggravju mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[il-Bord qies li huwa ma kienx deher għas-seduta]*

13. Meta jispjega dan it-tieni aggravju, l-appellant jgħid li d-deċiżjoni tal-Bord li jiċħad it-talba tiegħu sabiex jippreżenta d-difiża tiegħu, kienet parzjalment imsejsa fuq il-fatt li huwa ma kienx deher waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2021. Huwa jiċċita d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 16A(5) tal-Kap. 69, filwaqt li jikkontendi li l-preżenza tiegħu ma kinitx neċessarja sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk huwa kellux difiża x'iressaq. Jikkontendi wkoll li l-istess liġi kienet tawtorizzah jintavola nota bil-pożizzjoni tiegħu, kif fil-fatt għamel. Jammetti li l-liġi tirrikjedi l-preżenza tiegħu, iżda wieħed kellu wkoll jikkonsidra l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu. Għalhekk huwa jiċċita silta minn żewġ sentenzi tal-Qrati tagħna in sostenn tal-argument tiegħu, u jirrileva li kif kien jidher mid-deċiżjoni tal-Bord, dakinhar tas-seduta kien debitament rappreżentat minn avukat tal-fiduċja tiegħu.

14. Is-soċjetà appellata tibda billi tissottometti li dan l-aggravju ma jolqotx is-sentenza appellata, iżda huwa rilevanti biss għall-finijiet tad-digriet li ta l-Bord

---

[1] Ara App.Civ.(Sup.) 589/94, **Antoinette Vella *vs.* Kummissarju tal-Artijiet et**, 13.07.01.

qabel is-sentenza appellata, u li minnu l-appellant ma kienx qed jappella. Jagħmel enfażi fuq il-fatt li l-proċedura sommarja speċjali quddiem il-Bord hija regolata permezz tal-artikolu 16A tal-Kap. 69 u mhux bl-artikolu 170 tal-Kap. 12. Is-soċjetà appellata wara li tiċċita l-ewwel artikolu, tissottometti li mid-diċitura tiegħu kien ċar li fejn tirriżulta ċirkostanza minn dawk ikkontemplati f'dak l-artikolu, il-Bord huwa marbut li jgħaddi għas-sentenza. Tispjega li dakinhar tas-seduta l-appellant ma kienx deher personalment quddiem il-Bord, iżda deher minflok l-avukat difensur tiegħu, li ddikjara li kellu mandat sabiex jidher għalih. Madankollu meta l-Bord talab prova ta' dan il-mandat, l-avukat difensur spjega li huwa kien ħallih warajh l-uffiċċju, u li ma setax ukoll jippreżentah f'każ ta' posponiment kif fil-fatt ordna l-Bord. Tikkontendi li d-diċitura mhijiex l-istess bħal dik użata fl-artikolu 170 tal-Kap. 12, għaliex l-artikolu 16A tal-Kap. 69 kien jagħmilha ċara tassew li l-preżenza tal-konvenut personalment jew tal-mandatarju tiegħu kienet meħtieġa.

15. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tas-soċjetà appellata, u tikkonsidra li d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 16A(5) tal-Kap. 69 huma tassew ċari u inekwivoċi, tant li ma jirrikjedu l-ebda interpretazzjoni. Tgħid li bla dubju ta' xejn, il-preżenza tal-intimat hija meħtieġa quddiem il-Bord meta jitressaq quddiemu rikors ġuramentat b'talba sabiex jgħaddi għal deċiżjoni tat-talba tiegħu bid-dispensa tas-smigħ. Mhux biżżejjed li jidher l-avukat difensur tiegħu, u lanqas li dan jiddikjara li huwa għandu mandat mingħand il-klijent tiegħu, bħal ma ġara fil-każ odjern, mingħajr prova ċara ta' dak il-mandat. Għalhekk il-Bord hawn ukoll mexa skont dak li tipprovdi għalih il-liġi tal-proċedura.

16. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju ġustifikat u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[il-Bord applika ħażin il-liġi]*

*Ir-raba' aggravju:* *[in-nullità tas-sentenza]*

17. L-appellant jikkontendi li l-Bord ma segwiex il-proċedura rikjesta mil-liġi meta qajjem eċċezzjoni *ex officio.* Jissottometti li l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellata kif ippreżentati fir-rikors ġuramentat tagħha, huma msejsa fuq il-klawsola numru 18 tal-kuntratt, liema rikors jagħmel riferiment għall-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu, 2020 li kienet tgħid *"il-preżenti ittra qegħdha issir ukoll in linja ma' klawżola tmintax (18) tal-istess kuntratt sabiex jitterminaw il-kuntratt ta' kera".* Sussegwentement fis-26 ta' Awwissu, 2020 is-soċjetà appellata bagħtet ittra lill-appellant li hija kienet qegħda tittermina l-kirja tal-fond, liema dritt jgħid l-appellant, joħroġ mill-klawsola 18 tal-imsemmi kuntratt. Madankollu l-Bord naqas milli jsejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq din il-klawsola, u minflok straħ fuq il-klawsola 2, li kienet tipprovdi għal kif il-kuntratt seta' jiġi mġedded *o meno, u* dan kien jidher b'mod ċar meta stqarr li *"fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ai termini ta' klawsola 2 tal-kuntratt lokatizju, il-kirja ma baqghatx tiġġedded siccome l-intimat waqaf iħallas f'Diċembru 2019".* Itenni li s-soċjetà appellanta kienet straħet l-eċċezzjonijiet tagħha sabiex jiġi żgumbrat, fuq il-fatt li l-appellant ma kienx ottempora ruħhu mal-obbligi tiegħu *ai termini* tal-klawsola 18, u mhux għaliex il-kirja ma ġietx imġedda. Jgħid li jekk imbagħad il-Bord deherlu li kellu jqajjem eċċezzjoni dwar it-tiġdid tal-kirja, huwa kellu jimxi mad-dettami tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 732A tal-Kap. 12. Ir-raba' aggravju tal-appellant ikompli fuq dak ta' qablu u jittratta l-allegata nullità tas-sentenza appellata *ai termini* tal-artikolu 790 tal-Kap. 12, u dan stante li l-Bord meta wasal għad-deċiżjoni tiegħu, straħ fuq eċċezzjoni li ma kinitx tressqet mis-

soċjetà appellata. L-appellant hawn jiċċita żewġ sentenzi tal-Qrati tal-Appell in sostenn tal-argument tiegħu li s-sentenza appellata hija *extra petita.*

17. Is-soċjetà appellata wieġbet billi tikkontendi li dak li qed jargumenta l-appellant mhuwiex il-każ odjern, u tiċċita silta mis-sentenza appellata in sostenn ta' dan. Tgħid li l-Bord mexa skont il-premessi u t-talbiet kif imfissra fl-att promotur, u ordna l-iżgumbrament tal-appellant għaliex aċċetta li hija kienet waqqfet il-kirja f'Awwissu 2020 skont il-klawsola 18 tal-ftehim ta' bejniethom. Tikkontendi li wara dik id-data, l-appellant ma kellu l-ebda raġuni tajba jew titolu legali sabiex ikompli jokkupa l-fond, u kien għalhekk li l-Bord ordna l-iżgumbrament tiegħu u ma qajjem l-ebda eċċezzjoni ġdida meta għamel dan. Is-soċjetà appellata elenkat l-obbligi tal-appellant kif miftehma fil-kuntratt lokatizzju, li skont hi kienu ġew miksura, u anki n-nuqqasijiet proċedurali tiegħu.

18. Il-Qorti tgħid li l-appellant m'għandux raġun. Filwaqt li tagħraf li s-soċjetà appellata ppreżentat ir-rikors promotur tagħha *ai termini* tal-artikolu 16A tal-Kap. 69, li jikkontempla talba għat-tkeċċija tal-inkwilin permezz tal-proċedura hemm stabbilita, tirrileva li r-riferiment tal-Bord għall-klawsola 2 tal-ftehim bejn il-partijiet, hija biss sabiex jistabbilixxi jekk it-talba għat-tkeċċija kinitx waħda ġustifikata. Tagħraf li l-klawsola 18 tal-ftehim tkompli fuq dak diġà miftiehem bejn il-partijiet permezz tal-klawsola 2, u saħansitra tgħid li l-klawsola 18 imbagħad tmur oltre, għaliex tipprovdi għall-proċedura li għandha tiġi segwita mis-sid qabel it-tkeċċija finali tal-inkwilin.

19. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx it-tielet u r-raba' aggravji ġustifikati, u tiċħadhom ukoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, anki fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**